Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2009

Numru 287/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**vs**

**JAWEY BERTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jawey Berti ta’ Nazzjonalita Guineana, bin Cramo u Nasargeta, imwieled Guinea fil-1 ta’ Jannar 1987, maghruf bin-numru tal-pulizija 08B-018.

Billi gie akkuzat talli:

i) Fil-23 ta’ Marzu 2009, ghal habta tas-7:00 ta’ filghodu, fil-kumpless ta’ detenzjoni gewwa Safi Barracks,

volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor mobbli u imobbli fuq propjeta liema hsara tammonta ghall-aktar minn elf, mija u erbgha u sittin centezmu (€1,164.69), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

ii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ta' nies ma kientx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli dak illi din il-migemgha ta' nies kellha il-hsieb li taghmel, fil-fatt sar.

iii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel persuni inkarigati waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom illi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak id-dmir skond il-ligi.

iv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u l-bon ordni.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 2 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, tramite l-interpretu mahtur mill-Qorti u fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat tramite l-interpretu bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u

taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u  wara li gie mistoqsi tramite l-interpretu jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat tramite l-interpretu u fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Haber ghall-Prosekuzzjoni u Dr Renzo Porsella Flores ghall-imputat, b’referenza ghall-akkuza i) migjuba kontra l-imputat u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, iddikjaraw li jaqblu li l-ammont tal-hsara kagunata ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta mill-imputat meta kien fic-cirkostanzi li jirrigwardaw il-kaz odjern tammonta ghall-Euro 4500.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 68(2) u (3), 325(1)(a), l-ahhar Proviso tal-artikolu 325(1), 338(ee), 338(dd) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jawey Berti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Jawey Berti ghall-piena komplessiva ta’ sittax (16) il-xahar prigunerija u erba t’elef u hames mitt Euro (Euro 4500) multa u rigward tali multa il-Qorti taghmel referenza ghal dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Haber ghall-Prosekuzzjoni u Dr Renzo Porsella Flores ghall-imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza fejn qablu li l-ammont tal-hsara kagunata ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta mill-imputat meta kien fic-cirkostanzi li jirrigwardaw il-kaz odjern tammonta ghall-Euro 4500.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Jawey Berti sabiex fi zmien xahrejn (2) millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ mija u hamsin Euro (Euro 150) rappresentanti spejjes inkorsi f’din il-kawza rigward il-hatra ta’ Dr. Malcolm Crockford.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------